

## Ġabra ta' Informazzjoni

# Ismijiet u Kunjomijiet tal-imgħoddi fil-Qrendi

kitba ta' Anthony Bezzina

Fl-imgħoddi, meta r-raħal tal-Qrendi kien ħafna iżgħar, bħal f'kull raħal ieħor, kienet teżisti wkoll forma ta' migrazzjoni, jiġifieri mobilità jew ċaqliq ta' nies minn post għal ieħor, l-iktar meta dawn jiżżewġu.

Meta fl-1618, ir-raħal tal-Qrendi inqata' miż-Żurrieq u sar parroċċa, bdiet tinġabar l-informazzjoni kollha dwar iż-żwiġijiet, magħmudijiet u anke mwiet tar-residenti, li qabel kienet tinġabar fil-parroċċa taż-Żurrieq. U f'din l-informazzjoni kollha, li fiha nfisha hija wkoll l-istorja tar-raħal, fost ħafna ismijiet u kunjomijiet, insibu numru mhux ħażin ta' ismijiet u kunjomijiet li llum m'għadhomx fir-raħal tagħna, għalkemm uħud jinsabu f'postijiet oħrajn. F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn uħud minn dawn l-ismijiet sbieħ kif ukoll kunjomijiet.

Mill-1618 sal-bidu tas-snin 1700 nsibu ħafna ismijiet li llum ftit li xejn jiġu f'moħħna. Għalkemm uħud minnhom jidhru xi ftit 'strambi', l-antenati tagħna jidher li kellhom ideat ċari ta' x'isem xtaqu jagħtu lit-tarbija tagħhom.

Għan-nisa insibu ismijiet bħal: Conzica, Flaminia, Marietta, Argenta, Valentia, Battistina, Cleria, Caternella, Marozza, Lucretia, Petrolla, Prudenza, Minichella, Flavia u Dianora. Insibu wkoll użanza fejn mal-isem kienu jżidu wkoll 'uzza' bħal: Imperiuzza u Caternuzza

F'dan l-istess żmien, għall-irġiel kienu jingħataw ismijiet bħal: Matteolo, Giacobo, Candeloro, Baltasar, Blasio, Cusmano, Lazzaro, Fonseco, Lexio, Caspano, Fabianus, u Lucio. Jidher li kienet ukoll era fejn kienu jingħataw żewġ ismijiet li jiffurmaw isem wieħed bħal: Colapietro (Kola u Pietru), Colandrea (Kola u Andrea), GioMaria (Giovanni u Maria) , GioFrancesco, GioAntonio u GioPaolo, fejn Gio kienet toqgħod għal Giovanni.

Mal-medda tas-snin ħafna minn dawn l-ismijiet bdew jgħibu mir-raħal u dan jista' jkun għax kienu jmorru joqogħdu f'irħula oħra wara ż-żwieġ. Imma matul is-snin 1700 bdew jidhru ismijiet oħrajn bħal: Hyeronima, Giacobina, Evanġelista, Marċellina għan-nisa filwaqt li għall-irġiel isibu: Desiderio, Mariuzzo u Didacus Francesco.

Ma' dawn l-ismijiet hemm ħafna oħrajn li għadhom jingħataw sallum u li huma komuni fostna, imma hawn qed insemmu biss uħud li jqajmu ċerta kurżità għax ftit li xejn għadna nisimgħu bħalhom.

Fil-bidu tal-parroċċa tagħna niltaqgħu ukoll ma' kunjomijiet li llum m'għadhomx magħna fir-raħal. Jista' jagħti l-każ li uħud minnhom ġew minn pajjiżi oħra, bħal, Sqallija, Franza, l-Algerija u t-Tuneżija.

Fost dawn il-kunjomijiet isibu: Di Leona ( bejn l-1618-1634), Napolitano (1633), Chicaci (1649), Cugnet (bejn l-1650-1706), Croce (1658), D'Armeni (bejn l-1659-1668), Paias (bejn l-1689-1697), Combaci (1699), Uzzino (1698), Chiusi (1704), Bondi (bejn l-1716-1802), Tortella (1741), Gallo (1744), Nigret (bejn l-1790-1792), Stanietti (1884), Di Nicola (1894), Imbroll (1895) u Cali' (1903). Uħud minn dawn il-kunjomijiet ġew fir-raħal tagħna minħabba okkażjoni ta' żwieġ, li kien drawwa li jsir fir-raħal tal-għarusa u jidher ċar li wara dawn marru joqgħodu x'imkien ieħor.

F'dak iż-żmien, bejn għax forsi kien hawn nuqqas ta' tagħlim fil-kitba jew għax l-isem jew il-kunjom ma kienx jintgħaraf sew, kienu jsiru xi żbalji fil-kitba li maż-żmien kienu jigu kkoreġuti. Bħala eżempju nsemmi kif il-kunjom Azzopardi evolva maż-żmien. Fil-bidu tal-1600 kien beda jinkiteb 'Azzupardo' u xi kultant fil-qosor 'Zupardo' li wara beda jiġi miktub sew u sar Azzopardi.

Jekk dawn id-dokumenti jinflew sew, wieħed jista' jibda jasal biex jifhem il-fenomenu tal-preżenza ta' barranin f'pajjiżna kif ukoll fir-raħal tal-Qrendi, preżenza li ssawwar l-istorja antika ta' dan ir-raħal.